MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 986/2008/1

**Paul Buhagiar u George Buhagiar f'isimhom *proprio* u għan-nom u in rappreżentanza tad-ditta "*Paul and Rocco Service Station*" u għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpannija *Paul & Rocco (Marsa) Limited* (C2662)**
***v.***
**Joseph Cassar u Virginia *sive* Gina Cassar**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti minn sentenza mogħtija fil-kontumaċja tagħhom mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Marzu 2009 li laqgħet it-talba tal-atturi għall-iżgumbrament tal-konvenuti minn fond urban.

2. L-*iter* proċedurali seħħ hekk: B'rikors maħluf ippreżentat fl-1 ta' Ottubru 2008 l-atturi talbu l-iżgumbrament tal-atturi minn fond urban għax qalu li kienu qegħdin iżommuh mingħajr titolu wara li t-titolu ta' sub-enfitewsi temporanja li kellhom il-konvenuti għalaq fit-13 ta' Awissu 2007. B'dikriet tad-19 ta' Diċembru 2008 il-kawża tqiegħdet fuq il-lista tas-16 ta' Frar 2009 iżda dakinhar, billi l-konvenuti ma kinux għadhom notifikati, il-kawża tħalliet għat-2 ta' Marzu 2009.
3. L-atturi reġgħu ħallsu għan-notifika fil-25 ta' Frar 2009 u l-konvenuti ġew notifikati bir-rikors maħluf u bl-avviż tas-smigħ l-għada, fis-26 ta' Frar 2009, li kien il-jum tal-Ħamis, iżda ma dehrux għas-seduta tat-2 ta' Marzu 2009, li kien il-jum tat-Tnejn, għalkemm issejħu kemm-il darba, u l-kawża ġiet deċiża dakinhar stess fil-kontumaċja tagħhom.
4. Is-sentenza, wara li tirriproduċi kelma b'kelma dak li hemm fir-rikors maħluf, tkompli hekk:
«Rat l-atti proċesswali;
«Rat il-verbal tas-seduta tallum stess illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza:
«Għaldaqstant il-qorti tilqa' t-talbiet kollha attriċi, u għall-fini tas-sitt u s-seba' talba [it-talbiet għall-iżgumbrament] tipprefiġġi terminu ta' tliet xhur.
«L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti.»
5. Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza b'rikors tat-13 ta' Marzu 2009. Ressqu aggravji kemm dwar il-kontumaċja u kemm dwar il-meritu.
6. Dwar il-kontumaċja osservaw *inter alia* illi:
i. fir-rikors maħluf hemm – kif igħid u jrid l-art. 156(1)(*d*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – "stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-qorti" l-avviż illi "min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, *cioè* minn meta jirċeviha", u illi huwa biss "jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi" illi "l-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skond il-liġi";
ii. il-motivazzjoni mogħtija mill-qorti għad-deċiżjoni tagħha – in-nuqqas ta' dehra tal-konvenuti fl-ewwel jum tas-smigħ tal-kawża – ma hijiex motivazzjoni tajba; u

iii. ma ngħatawx iż-żmien li jrid l-art. 158(10) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex jagħmlu sottomissjonijiet bil-miktub.

7. L-atturi wieġbu fit-3 ta' April 2009. It-tweġiba tagħhom għall-aggravji miġjuba fuq essenzjalment hija illi l-ewwel qorti mxiet kif tgħid u trid il-liġi fl-artt. 158(13) u 195(6) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

**158.** (13) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' qabel dan l-artikolu, meta l-qorti tkun stabbiliet jum għas-smigħ tal-kawża qabel iż-żmien stabbilit biex tiġi ppreżentata r-risposta ġuramentata skond dan l-artikolu, il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta ġuramentata mhux iktar tard mill-ħin li fih il-kawża tkun se tinstema' l-ewwel darba, u jista' wkoll jippreżentahom quddiem il-qorti f'dik is-seduta u jinnotifika kopja tagħhom lill-attur billi jagħti kopja lilu jew lill-avukat tiegħu f'dik l-istess seduta.

**195.** (6) Xejn f'dan l-artikolu [dwar smigħ tal-kawżi] ma jżomm il-qorti milli tiddeċiedi kawża fil-ġurnata ffissata għall-ewwel smigħ meta l-konvenut ma jopponix it-talba inkella meta l-qorti hija sodisfatta li l-attur ma għandu ebda talba tajba x'jagħmel jew il-konvenut ebda difiża valida.

8. Fil-fehma ta' din il-qorti huwa relevanti wkoll l-art. 195(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

**195.** (4) Id-data u l-ħin iffissati għas-smigħ għandhom jiġu determinati għall-inqas xahrejn qabel d-data ffissata għas-smigħ, iżda l-qorti tista' tiddeċiedi, jew jekk tħoss li huwa hekk xieraq jew wara konsultazzjoni mal-avukati tal-partijiet jew f'kull każ ieħor fejn il-kawża għandha tinstema' b'urġenza, li tiffissa data aktar kmieni… … …

9. Dan qiegħed jingħad għax, għalkemm huwa minnu illi l-art. 158(13) għandu japplika "minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel", madankollu il-qorti għandha tistabilixxi "jum għas-smigħ tal-kawża qabel iż-żmien stabbilit biex tiġi ppreżentata r-risposta ġuramentata" meta, fi kliem l-art. 195(4) "jew jekk tħoss li huwa hekk xieraq jew wara konsultazzjoni mal-avukati tal-partijiet jew f'kull każ ieħor fejn il-kawża għandha tinstema' b'urġenza". Issa, fil-każ tallum, il-qorti ma għamlet xejn minn dan għax meta fid-19 ta' Diċembru 2009 appuntat il-kawża għas-smigħ fis-16 ta' Frar 2009 ħalliet żmien biżżejjed (għalkemm tlitt ijiem inqas mix-xahrejn li trid il-

liġi) biex il-konvenuti jippreżentaw it-tweġiba maħlufa tagħhom fi żmien għoxrin jum min-notifika iżda xorta qabel il-jum tas-smigħ.

10. Dan ma seħħx għax il-konvenuti ma ġewx notifikati millewwel, u mhux għax il-kawża kienet waħda illi l-qorti dehrilha, kif igħid l-art. 195(4), li kellha tinstema' qabel iż-żmien stabbilit għas-smigħ. Għalhekk, strettament, l-art. 158(13) ma kellux igħodd għall-każ tallum u, ladarba ma kellux igħodd għall-każ, fit-2 ta' Marzu 2008, meta ngħatat is-sentenza, kien għadu għaddej iż-żmien biex il-konvenuti jwieġbu u ma setgħux jitqiesu kontumaċi.

11. Barra minn hekk, ladarba l-konvenuti kienu mgħarrfa, fir-rikors maħluf stess, illi kellhom għoxrin jum min-notifika biex iwieġbu, il-lejaltà fil-litigazzjoni kienet titlob illi ma jitħallewx li jiġu mqarrqa b'dak l-avviż, u li kellhom jingħataw l-opportunità biex iwieġbu ukoll li kieku l-art. 158(13) kien igħodd għall-każ.

12. Inċidentalment, dan l-episodju juri illi l-avviż li l-art. 156(1)(*d*) irid li jingħata lill-konvenut ma huwiex kompatibbli mal-art. 158(13) u jidher illi huwa meħtieġ intervent leġislativ biex l-avviż jingħata f'forma differenti f'każijiet fejn japplikaw l-artt. 158(13) u 195(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Għalhekk il-qorti qiegħda tordna notifika ta' din is-sentenza lill-i*Speaker* tal-Kamra tad-Deputati.

13. Għar-raġunijiet imsemmija fuq, din il-qorti hija tal-fehma illi s-sentenza tat-2 ta' Marzu 2009 għandha titħassar u, billi jrid jingħata żmien lill-konvenuti biex iressqu t-tweġiba maħlufa tagħhom u wkoll sabiex jitħares il-prinċipju tal-eżami doppju tal-meritu, ma huwiex il-każ illi din il-qorti tqis ukoll l-aggravju fil-meritu.

14. Il-qorti għalhekk taqta' l-appell billi tħassar is-sentenza appellata u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex din, wara li tagħti lill-konvenuti żmien sabiex iressqu t-tweġiba maħlufa tagħhom, tisma' u tiddeċiedi l-każ kif trid il-liġi.

15. Fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż għandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------